Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 4/22/F

Violet Galea

vs

GO plc

Illum, 25 ta' Marzu 2024

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-12 ta' Jannar 2022;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fit-22 ta' Marzu 2022;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti;

Ra d-Digriet tal-5 ta' Diċembru 2022 li permezz tiegħu, l-Avviż tat-Talba ġie koreġut biex jaqra s-somma ta' seba mija u sittin Euro (€760) bħala *sorte*;

Sema s-sottomissjonijiet tal-Partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

Ikkonsidra:

Illi r-Rikorrenti qed titlob li tiġi rifuża s-somma ta' seba mija u sittin Euro (€760) mill-azjenda intimata rappreżentanti ħlasijiet li hija tħoss li għamlet għalxejn minħabba li s-servizz ta' telefonija u *internet* provdut lilha mill-azjenda intimata ma kienx tal-kwalità mwiegħda u raġjonevolment mistennija. Tilmenta li l-konnessjoni

tal-*interet* kienet tant fqira li ma kienitx tippermettiha tagħmel *teleworking* u li kienet spiċċat sprovista mis-servizz tal-*fixed line*. Minkejja dawn in-nuqqasijiet gravi fis-

servizz, l-azjenda intimata baqgħet tiġbed il-miżati sħaħ mill-kont bankarju tagħha skont il-kuntratt bis-saħħa ta' *direct debit mandate* li kien ġie magħmul kontestwalment mal-kuntratt.

Illi l-azjenda intimata tilqa' billi tgħid li t-Talba għal rifużjoni tar-Rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt għax id-*direct debit mandate* kien ġie konkluż bil-kunsens sħiħ tagħha u li l-ewwel darba li lmentat fuq il-kwalità tas-servizz kien f'Lulju 2020 u minkejja dan, ma ħallietx lit-tekniċi tal-kumpanija jaċċedu fil-fond tagħha għal perjodu ta' madwar tmien xhur. Mill-banda l-oħra l-azjenda intimata tammetti li f'Marzu 2021, meta fl-aħħar ingħataw aċċess mir-Rikorrenti, it-tekniċi tagħha ma setgħux jagħmlu l-migrazzjoni tas-servizz tar-Rikorrenti minn *copper* għall-*fibre* u li kien biss f'Awwissu ta' wara li saret din il-migrazzjoni. Tafferma ukoll li tenut kont dan in-nuqqas, hija (i) diġà kkumpensat lir-Rikorrenti billi koncediet kreditu ta' tmenin Euro (€80) ekwivalenti għal erba' xhur kera tas-servizz kif ukoll *upgade* fil-konnessjoni mingħajr ħlas u li (ii) offriet li tagħti kreditu addizzjonali ta' mija u tmenin Euro (€180) sabiex ikopru l-kirja għal perjodu ta' disa xhur, liema offerta ġiet rifjutata mir-Rikorrenti.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, ma tantx hemm lok ta' dibattitu li s-servizz prestat lir-Rikorrenti mill-azjenda intimata ma kienx wieħed ottimu. Prova ta' dan, apparti l-i*speed tests* ippreżentati mir-Rikorrenti u x-xhieda dettaljata tagħha, hija li l-azjenda intimata għal diversi drabi kkumpensat jew proponiet li tikkumpensa lir-Rikorrenti għal dawn in-nuqqasijiet. Ħadd ma joffri rimedju jekk ma jkunx hemm nuqqas x'jiġi rimedjat. L-eżami li jrid jagħmel it-Tribunal allura, huwa jekk il-kwantu tar-rifużjoni li qed titlob ir-Rikorrenti huwiex proporzjonali mal-gravità tad-deficjenzi fis-servizz prestat u jekk il-kumpens ġià perċepit minnha huwiex suffiċjenti (*vide* s-sentenza ta' dan it-Tribunal kif diversament presedut fit-Talba CCT/217/21/MM fl-ismijiet *Michael Angelo Cassar vs GO plc*, deċiża fis-17 ta' Jannar 2024).

Illi mill-apprezzament tiegħu tal-provi fl-assjem tagħhom, it-Tribunal huwa tal-fehma li minkejja li s-servizz prestat mill-azjenda intimata kien wieħed batut u mhux kif mistenni, bit-tajjeb u l-ħażin tiegħu kien hemm xi forma ta' servizz u lanqas ma jista' jingħad li l-azjenda intimata ma ppruvatx tindirizza l-ilmenti tar-Rikorrent. Għalhekk, filwaqt li t-talba tar-Rikorrenti ser tiġi akkolta, ser ikun hemm temperament fl-ammont likwidat.

Deċiżjoni:

Għaldaqstant, a bażi tal-konsiderazzjonijiet u motivi appena msemmija, it-Tribunal qed jilqa' t-Talba tar-Rikorrenti u konsegwentament jikkundanna lill-azjenda intimata sabiex tħallasha ossija tirrifondiha s-somma likwidata *arbitrio boni viri* ta' sitt mitt Euro (€600).

L-imgħax jgħodd mid-data ta' din is-sentenza filwaqt li l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-Partijiet.

Avv. Mattia Felice
Arbitru